MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 1956/1999/1

**Distinct Conversions Limited**

**vs**

**Joseph u Agnes mizzewgin Fasanelli**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Illi b'citazzjoni numru 1956/99/JRM fl-ismijiet premessi, s-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuti kienu inkarigaw is-socjeta` attrici sabiex tezegwixxi xogholijiet ta' alterazzjoni u benefikati fuq bazi "turnkey" fil-fond 6, Alley 1, Main Street, Balzan, u li waqt ix-xogholijiet inkarigat lill-istess socjeta` attrici taghmel xogholijiet ohra;

Illi wara li s-socjeta` attrici bdiet tezegwixxi x-xogholijiet il-konvenuti itterminaw l-istess l-appalt minghajr ebda raguni valida skond il-ligi;

Illi minkejja li permezz ta' ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju, 1999 is-socjeta` attrici interpellat lill-konvenuti sabiex ihallsu l-prezz fuq xogholijiet forniti u servizzi moghtija [u] d-danni li hija sofriet a kawza tat-terminazzjoni tal-appalt, huma baqghu inadempjenti;

Talbet sabiex il-Prima Awla tal-Qorti Civili:-

1. tiddikjara jekk hemm bzonn illi l-konvenuti kienu dahlu fi ftehim mas-socjeta` attrici li bih inkarigawha taghmel xogholijiet ghalihom kif fuq premess;

2. tiddikjara illi l-konvenuti unilateralment u minghajr ebda raguni valida skond il-ligi itterminaw l-appalt miftiehem mas-socjeta` attrici u dana minghajr il-kunsens ta' l-istess socjeta` attrici;

3. tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli ghall-kumpens dovut lis-socjeta` attrici ghal xoghol maghmul minnha u spejjez inkorsi minnha kif ukoll kumpens iehor jew danni li ma jkunux jeccedu l-qliegh li s-socjeta` attrici kienet taghmel li kieku l-appalt ma giex terminat.

4. tillikwida l-istess kumpens u danni dovuti lis-socjeta` attrici skond it-talbiet precedenti;

5. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat;

Bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju 1999 u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija

kif ukoll dawk tal-mandat ta’ qbid mahrug kontra l-istess konvenuti datat 25 ta’ Awwissu 1999.

Illi fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet, il-konvenuti eccepew inter alia illi

1. Preliminarjament, l-atti ta’ din il-kawza ghandhom jigu dikjarati dezerti ai termini bl-artikolu 963(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi l-proceduri bil-miktub ma nghalqux entro t-terminu perentorju ta’ zmien stabbilit bil-ligi.

Illi b’sentenza moghtija fit-30 ta’ Ottubru, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u qieset l-azzjoni attrici dezerta u b’hekk helset lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Illi s-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bl-imsemmija sentenza u qed tappella mill-istess sentenza bil-prezenti att.

Illi l-aggravji tas-socjeta` appellanti huma s-segwenti:-

L-artikoli rilevanti ghal din il-materja huma l-artikli 963 sa 965. Dawn l-artikli ghandhom jigu applikati u interpretati flimkien.

L-artikoli 963 (1) jipprovdi illi “kull kawza ghandha tigi maghluqa fil-qorti ta’ l-ewwel grad fis-smien perentorju ta’ sitt xhur”. Skond is-sub-artikolu (2) ta’ l-artiklu 963, dan iz-zmien jibda jghaddi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni. Il-Qrati hassew li dan mhux applikabbli fil-kaz tac-citazzjoni u sostnew illi z-zmien jibda jghaddi mid-data tal-hrug ta’ l-avviz ta’ l-ewwel smiegh tal-kawza.

Illi is-sub-artiklu (5) ta’ l-artiklu 963 jipprovdi ta’ x’jigri jekk il-proceduri bil-miktub ma jinghalqux fiz-zmien stipulat. Filwaqt illi a rigward tal-proceduri quddiem il-Qorti ta’ l-Appell, il-ligi tghid espressament illi l-kawza tmur dezerta (dejjem jekk tinghata l-eccezzjoni ta’ dezerzjoni fil-bidu tal-kawza qabel kull eccezzjoni ohra), fil-kaz tal-kawza fl-

ewwel grad il-ligi tipprovdi diversament u ma titkellimx dwar dezerzjoni izda tirreferi ghall-applikazzjoni ta' l-artikoli 964 sa 967.

Di fatti is-sub-artiklu (5) paragrafu (a) jipprovdi kif gej:

"... kawza, li l-proceduri bil-miktub taghha ma jigux maghluqa fiz-zmien hawn fuq imsemmi (jigifieri ta' sitt xhur, fil-kaz ta' istanza fl-ewwel grad)

(a) meta l-kawza tkun quddiem qorti ta' l-ewwel grad, din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqieghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smigh u li sussegwentement b'ordni tal-qorti, tkun thalliet ghal data mhux specifikata, u d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 964 sa 967 ta' dan il-Kodici ghandhom japplikaw ghaliha;"

Issa x'jigri meta kawza tkun thalliet ghal data mhux specifikata, jigifieri sine die? Skond l-artiklu 964 jipprovdi illi f'kaz ta' kawzi li ilhom differiti sine die ghal izjed minn tlett xhur ir-Registratur jippubblika lista tal-kawzi li jkunu marru sine die. Din il-lista skond is-sub artiklu (3) ghandha tibqa' mwahhla fil-bini tal-qorti ghal mill-inqas xahar mid-data ta' meta jippubblikaha.
Huwa l-artikolu 965 li jipprovdi meta kawza tmur dezerta. Il-paragrafu (a) ta' dan l-artiklu jipprovdi illi "Kull kawza imdahhla fil-lista bhalma jinghad fl-ahhar artiklu qabel dan, titqies dezerta kemm-il darba, fi zmien xahar li jibda jghodd mill-ahhar gurnata taz-zmien ta' xahar hawn fuq imsemmi, ma jigux imharsa, skond ma jkun il-kaz, id-dispozizzjonijiet li gejjin..." Il-paragrafu (a) jipprovdi illi wahda mill-partijiet tista' titlob illi l-kawza terga titqieghed fuq il-lista sabiex jinbeda u jissokta s-smigh taghha. Issa d-dicitura tal-ligi hija cara. Il-ligi tghid illi kawza tmur dezerta jekk ma ssirx talba ghall-riappuntament "fi zmien xahar li jibda jghodd mill-ahhar gurnata taz-zmien ta' xahar hawn fuq imsemmi". Dan iz-zmien ta' xahar jibda jiddekorri mid-data tal-pubblikazzjoni tal-lista. Dan johrog car mis-sub-artiklu (3) ta' l-artikolu 964. U dan huwa tassew ragjonevoli. Il-legislatur, konxju mill-konsegwenzi drakonjani ta' meta ssir il-lista tal-kawzi sine die, jipprovdi illi jrid ta' bil-fors ikun hemm element ta' pubblicita` qabel

ma jibdew jiddekorru termini li jwasslu ghad-dezerzjoni. It-terminu ma jghaddix awtomatikament, jekk ma jkunx hemm pubblikazzjoni tal-lista tal-kawzi sine die. L-esponenti hawn jirrileva illi l-legislatur ghazel ukoll illi ma jaghmilx distinzjoni bejn kawzi li jitqiesu li marru sine die ghax ma inghalqux il-proceduri bil-miktub fiz-zmien stipulat u dawk il-kawzi li jkunu gew differiti sine die b'digriet espress tal-Qorti. Ghalhekk fejn il-legislatur ma ddistingwiex, ma tistax tiddistingwi l-Qorti. Minn naha l-ohra l-legislatur iddistingwa bejn kawzi li ma jinghalqux il-proceduri bil-miktub fl-ewwel grad minn dawk fit-tieni grad.

Fi kwalunkwe kaz l-esponenti tirrileva illi hija hallset li tinhareg in-notifika diversi drabi fl-ahhar indirizz moghti mill-konvenuti stess. Kien biss ghax ppersistiet li l-konvenuti gew notifikati. Ghal dan is-socjeta` attrici ma ghandhiex tigi penalizzata.
Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li taghmel riferenza ghall-provi kollha prodotti u filwaqt li tirrizerva id-dritt li ggib l-provi kollha permessi mill-ligi u li taghmel sottomissjonijiet ulterjuri, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka tas-sentenza appellata tat-30 ta' Ottubru, 2001 moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tibghat l-atti tal-kawza lura lill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tkompli tismaghha skond il-ligi.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAL-KONVENUTI APPELLATI JOSEPH U AGNES, MIZZEWGIN FASANELLI.</u>**

L-appellati konvenuti wiegbu hekk:
1. Illi s-sentenza preliminari moghtija mill-Ewwel Qorti fit-30 ta' Ottubru, 2001 fil-kawza odjerna hija wahda gusta u timmerita konferma.
2. Illi s-socjeta` appellanti ipprezentat citazzjoni fis-7 ta' Settembru, 1999 illi giet notifikata, flimkien ma' l-avviz tas-smiegh tal-kawza, lill-umli esponenti fil-15 ta' Dicembru, 2000, u l-umli esponenti fin-nota ta' eccezzjonijiet

taghhom eccepew, in linea preliminari, illi “l-atti ta’ din il-kawza ghandhom jigu dikjarati dezerti ai termini ta’ l-artikolu 963 (1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta stante illi l-proceduri bil-miktub ma nghalqux entro t-terminu perentorju ta’ zmien stabbilit bil-ligi”.

3. Illi bil-fuq imsemmija sentenza moghtija fit-30 ta’ Ottubru, 2001, l-Ewwel Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni preliminari ta’ l-umli esponenti u ddikjarat l-azzjoni tas-socjeta` attrici appellanti bhala dezerta u helset lill-umli esponenti milli joqoghdu izjed fil-kawza bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici appellanti.

4. Illi l-artikolu 963 (1) tal-Kap. 12 jipprovdi illi “kull kawza ghandha tigi maghluqa fil-qorti ta’ l-ewwel grad fiz-zmien perentorju ta’ sitt xhur” u skond l-artikolu 963 (2) dan it-terminu ta’ sitt xhur jibda jghaddi mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

5. Illi din hija l-ewwel kwistjoni illi jehtieg illi tigi ezaminata – minn meta jibda jiddekorri l-perjodu ta’ sitt xhur imsemmi fl-artikolu 963 (1) tal-Kap. 12 illi fih iridu jinghalqu l-proceduri bil-miktub quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad.

6. Illi kif gustament irrimarkat l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha, l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur li ma jkunx qed imexxi bil-ghaqal il-proceduri minnu mibdija, pero fl-istess waqt il-qrati nostrani (u f’dan is-sens ara s-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Giannino Caruana Demajo LL.D. fil-5 ta’ Novembru, 1999 fil-kawza fl-ismijiet “Dr. T. Azzopardi - vs – V. Aquilina et”) fissru illi dan l-istitut mhux mahsub la biex jorbot idejn il-qrati fl-appuntament tal-kawzi u lanqas li jippenalizza lill-attur minhabba f’’nuqqas jew fi htigijiet ta’ natura amministrattiva riferibbli lill-istess qrati.

7. Illi x’inhija l-pozizzjoni ottenenti f’dan ir-rigward – il-pozizzjoni ottenenti hija illi citazzjoni ma tistax tigi notifikata lill-konvenut qabel ma jkun inhareg, b’ordni tal-Qorti, l-avviz tas-smiegh tal-kawza in segwitu ghac-citazzjoni prezentata mill-attur, procedura illi tiehu certu tul

ta’ zmien, u kwindi, gustament, l-attur ma jistax u ma ghandux jigi penalizzat ghal dak it-trapass ta’ zmien bejn il-prezentata tac-citazzjoni u l-ordni ta’ l-avviz tas-smiegh illi naturalment m’huwiex lilu imputabbli u li fuqu l-istess attur m’ghandu ebda kontroll u li tieghu m’ghandu ebda htija. Kien f’dan is-sens illi ppronunzjat ruhha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Noel V. Arrigo LL.D. fis-sentenza minnha moghtija fl-14 ta’ Lulju, 2000 fil-kawza fl-smijiet “Elmo Insurance Services Limited - vs – E. Pace et”, u l-umli rispondenti jissottomettu bir-rispett illi huma jaqblu perfettament ma’ dan il-pronunzjament tal-Qorti.

8. Illi ghaldaqstant huwa ormai principju pacifiku (u hekk huwa gust u ekwu illi jkun) illi l-perjodu ta’ sitt xhur preskritt ai termini ta’ l-artikolu 963 (1) tal-Kap. 12 illi fih ghandhom jinghalqu l-proceduri bil-miktub quddiem Qorti ta’ l-ewwel grad jibda jiddekorri minn dik id-data meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smiegh u jinhareg l-avviz ta’ dik id-data (ara f’dan is-sens is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kif presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Noel V. Arrigo LL.D. fis-16 ta’ Frar, 2001 fil-kawza fl-ismijiet “Dr. Kevin F. Dingli noe et - vs – Dr. R. Porsella Flores noe et”) u l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-kawza odjerna abbraccjat u ghamlet taghha dan l-istess principju. Ghal darb’ohra, l-umli rispondenti jissottomettu illi huma jaqblu perfettament ma’ dan l-istess principju.

9. Illi f’dan l-istadju wiehed ghandu biex jikkonsidra dan il-principju b’applikazzjoni ghall-kaz odjern. Fil-kawza odjern jirrizultaw is-segwenti fatti – ic-citazzjoni giet ipprezentata mis-socjeta` attrici fis-7 ta’ Settembru, 1999; id-digriet li bih il-kawza nharget b’appuntament ghall-ewwel smiegh fit-22 ta’ Frar, 2000 inghata fil-15 ta’ Settembru, 1999 (a fol. 5 tal-process); u l-umli rispondenti gew notifikati fl-14 ta’ Dicembru, 2000.

10. Illi s-socjeta` attrici appellanti qieghda takkampa l-aggravju taghha ghas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fuq il-provvedimenti tal-artikolu 963 (5) tal-Kap. 12 illi jipprovdi kif gej:

"...kawzi li l-proceduri bil-miktub taghha ma jigux maghluqa fiz-zmien hawn fuq imsemmi [*u cioe' fiz-zmien ta' sitt xhur, fil-kaz ta' qorti ta' l-ewwel grad]*:

(a) meta l-kawza tkun quddiem qorti ta' l-ewwel grad, din ghandha titqies bhala kawza li tkun tqieghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smiegh u li sussegwentement b'ordni tal-qorti tkun thalliet ghal data mhux specifikata, u d-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 964 sa 967 ta' dan il-Kodici ghandhom japplikaw ghaliha".

11. Illi s-socjeta` attrici appellanti ssostni illi, in vista ta' dan, dak li kellu jsehh kien illi din il-kawza kellha fizikament tigi mqieghda fuq il-lista tal-kawzi li jkunu gew iddeferiti *'sine die'* u li tali kawza titqies dezerta biss, ai termini ta' l-artikolu 965 tal-Kap. 12, jekk kemm-il darba fi zmien xahar li jibda jghodd mill-ahhar gurnata taz-zmien ta' xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tal-lista, ma jigix intavolat rikors biex il-kawza tigi riappuntata ghas-smiegh. Din l-istess tezi kienet giet avvanzata mis-socjeta` attrici appellanti fil-korp ta' zewg noti ta' sottomissjonijiet minnha ipprezentati quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

12. Illi, bir-rispett kollu, ir-rispondenti assolutament ma jikkondividux din it-tezi avvanzata mis-socjeta` attrici appellanti u jissottomettu illi tali tezi hija l-frott ta' interpretazzjoni zbaljata u semplicistika tal-kelma tal-ligi.

13. Illi f'dan ir-rigward l-esponenti jisiltu bran ta' importanza kardinali mis-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fis-sens segwenti:
"Il-Qorti ma taqbilx mat-tifsira moghtija mill-kumpanija attrici fejn tghid li d-dezerzjoni ma ssehhx jekk fil-fatt il-kawza ma tkunx imdahhla fil-lista ta' kawzi li jkunu marru *sine die*. L-artikoli 963 (5) (a) ral-Kap.12 ma jghidx li l-kawza trid tkun segwiet l-*iter* imsemmi fl-artikolu 964 (1), imma biss li, f'kaz li kawza pendenti quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad li l-procedura bil-miktub taghha ma tkunx ghalqet fiz-zmien imfisser fl-artikolu 963 (1), din <u>titqies</u> bhala kawza li tkun tqieghdet fuq il-lista tas-smiegh u <u>titqies</u> bhala kawza li, b'ordni tal-Qorti, tkun marret *sine*

*die*, ghalkemm fil-fatt ma tkun ghadha qatt hekk tqieghdet".

14. Illi fil-fatt hija din il-kelma "titqies" *(sottolinear tal-Qorti stess)* illi hija l-frazi operattiva tal-provvediment tal-ligi in kwistjoni, u cioe` ta' l-artikolu 963(5)(a) tal-Kap. 12. Il-legislatur juza espressament dan it-terminu – "ghandha *titqies* bhala kawza li tkun tqieghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smiegh u li sussegwentement b-ordni tal-Qorti tkun thalliet ghal data mhux specifikat". Mela din il-kawza ghandha "titqies" wahda mill-kawzi li tkun tqieghdet fuq il-lista tal-kawzi *sine die* u l-ligi bl-ebda mod ma tipprovdi, ghall-kuntrarju ta' dak li qed tipprova targumenta s-socjeta` attrici appellanti, illi tali kawza ghandha effettivament titqieghed fuq dik il-lista – il-ligi trid li tali kawza "titqies" bhala kawza li tkun tqeghdet fuq dik il-lista tal-kawzi differiti *sine die*.

15. Illi ghalhekk jirrizulta illi kienet korretta l-Ewwel Onorabbli Qorti meta qalet l-artikolu 963 (5) (a) tal-Kap. 12 ma jipprovdix illi kawza li l-proceduri bil-miktub taghha fi stadju ta' qorti ta' l-ewwel grad ma jinghalqux entro t-terminu ta' sitt (6) xhur ghandha ssegwi l-*iter* kollu tal-kawzi mqieghda fuq il-lista tal-kawzi differiti *sine die* izda ghandha titqies bhal kawza mqieghda fuq l-imsemmija lista.

16. Illi effettivament dan ifisser, kif pronunzjat mill-Ewwel Qorti, illi "iz-zmien li fih il-kawza tinzamm "imdendla" qabel titqies li marret dezerta jitwal biz-zminijiet imsemmija fl-artikolu 964 (1) u 967".

17. Illi ghaldaqstant, b'applikazzjoni tal-principji fuq enuncjati ghall-kawza odjerna, jirrizulta illi z-zmien ta' sitt (6) xhur jibda jiddekorri mid-data meta jinghata d-digriet tal-Qorti li permezz tieghu l-kawza tinhareg ghall-ewwel smiegh, u fil-kaz odjern dan id-digriet inghata fil-15 ta' Settembru, 1999 u b'hekk il-perjodu ta' sitt xhur ghalaq fl-14 ta' Marzu, 2000, u ghalhekk, minn dakinhar, u cioe' mill-14 ta' Marzu, 2000, skond il-kliem tal-ligi, il-kawza ghandha tigi meqjusa bhala wahda li tkun tqieghdet fuq il-lista tal-kawzi differiti *sine die*. Ghaldaqstant, mill-ahhar

tax-xahar in kwistjoni, u cioe' ta' Marzu, 2000, u kwindi fil-31 ta' Marzu, 2000, dwar din il-kawza beda ghaddej iz-zmien imsemmi fl-artikoli 964 u 967, liema zmien effettivament kellu jkun ta' sitt (6) xhur u billi l-umli appellanti gew notifkati wara illi ghalaq dan it-terminu (fil-fatt huma gew notifikati fl-14 ta' Dicembru, 2000) u s-socjeta` attrici appellanti ma ressqet ebda talba ai termini ta' l-artikolu 966 (1) tal-Kap. 12 ghall-estensjoni taz-zmien qabel tali zmien effettivament ghalaq, il-kawza marret dezerta.

18. Illi mill-atti processwali wkoll jirrizulta illi s-socjeta` attrici appellanti kienet ipprezentat rikors sabiex tigi awtorizzata tinnotifika lill-esponenti permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini ta' l-artikolu 187 tal-Kap. 12, u dan ir-rikors kien gie akkolt permezz ta' digriet moghti mill-Ewwel Qorti fl-14 ta' Gunju, 2000, izda s-socjeta` attrici appellanti, minflok ma segwiet dan l-ordni, regghet ittentat li tinnotifika lill-esponenti skond id-digriet precedenti tas-6 ta' April, 2000 (*a fol. 10 tal-process)* u n-notifika ma saret qatt skond id-digriet ta' l-14 ta' Gunju, 2000 (*a fol. 12 tal-process*).

19. Illi ghaldaqstant is-socjeta` attrici appellanti ma tistax issostni, kif qed taghmel, illi hija ghamlet minn kollox biex tinnotifika lill-esponenti entro t-terminu utli ghaliex mill-atti processwali, kif fuq spjegat, jirrizulta mod iehor, u kwindi japplika l-principju '*chi e' colpa del suo mal, pianga se stesso'.*

20. Illi, finalment, issir riferenza wkoll ghall-provvedimenti ta' l-artikolu 732 (2) tal-Kap. 12 u jigi rilevat illi l-esponenti ressqu l-eccezzjoni tad-dezerzjoni bhala l-ewwel eccezzjoni taghhom u kwindi zgur illi ma jistax ikun hemm ebda dubju illi effettivament l-esponenti qatt irrinunzjaw ghal din l-eccezzjoni b'xi ghemil taghhom waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

Il-meritu ta' dan l-appell hu wiehed purament ta' natura legali u proceduralì. Il-fatti li taw lok ghas-sentenza appellata fil-qosor huma kif ser jinghad.

Is-socjeta` attrici appellanti pprezentat citazzjoni kontra iz-zewg konvenuti appellati fis-7 ta' Settembru 1999. B'digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Settembru 1999, il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghat-22 ta' Frar 2000. L-att tac-citazzjoni flimkien ma' l-avviz tas-smiegh tal-kawza, gie effettivament notifikat lill-konvenuti appellati fil-15 ta' Dicembru, 2000; igifieri sena u gimgha mid-data li giet intavolata l-kawza in ezami. Ghandu jizdied li dwar dawn il-fatti u dati ma hemmx kontestazzjoni.

Jirrizulta min-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li, in linea preliminarja, dawn issollevaw id-dezerzjoni ta' l-atti ta' din il-kawza "ai termini" ta' l-artikolu 963(1) tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi li kull kawza ghandha tigi maghluqa fil-Qorti ta' l-ewwel grad fiz-zmien perentorju ta' sitt (6) xhur. Il-punt in kontestazzjoni jirrigwarda proprju minn meta kellu jitqies dan it-terminu perentorju ta' sitt (6) xhur impost mill-ligi tal-procedura u x'ghandu jigi kkonsidrat mill-Qorti fl-applikazzjoni ta' dan it-terminu.

Ikkunsidrat li jekk wiehed jezamina l-imsemmi artikolu 963 tal-Kap. 12 fl-intier tieghu ghandu jsib risposta cara fis-subartikolu (2) – dik igifieri li tghid li dan it-terminu jibda jghaddi <u>mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni</u>. Minkejja pero' dak li tghid il-ligi tal-procedura u tenut kont ta' kif zviluppat dik il-parti tal-proceduri rigwardanti x-xorta ta' atti li bihom setghu jinbdew azzjonijiet u kawzi gudizzjarji, igifieri b'mod anqas formalistiku u izjed sommarju, il-Qrati taghna hassew li fic-cirkostanzi ghandhom jaghtu interpretazzjoni aktar wiesa' izda gusta ta' dan is-subartikolu (2) tal-artikolu 963 tal-Kap. 12 u dan biex ma tinholoqx xi forma gdida ta' ingustizzja fejn certament m'hemmx lokha.

F'sentenza mill-aktar studjata, dik appellata igifieri, l-ewwel Qorti ikkunsidrat li meta l-istitut tad-dezerzjoni ddahhal fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili

dan kien originarjament intiz biex japplika biss ghal dawk il-kawzi mressqin bl-ghamla solenni, igifieri bil-procedura tal-libell. Fin-Noti dwar Procedura Civili (ara pag. 1450), il-Professur Caruana Galizia kien sahansitra tal-fehma li dan l-istitut lanqas kellu japplika ghall-kawzi istitwiti bil-procedura sommarja. Kull dubju li seta' baqa' dwar dan pero` tnehha meta fl-1995, in forza ta' diversi emendi li gew fis-sehh fil-ligi procedurali taghna, filwaqt li giet eliminata l-forma solenni tal-libelli u thalliet minflok dik sommarja per via ta' citazzjoni, l-istitut tad-dezerzjoni ma tnehhix ukoll. Wara li kompliet telabora aktar dwar id-diversi fehmiet li gew espressi dwar dawn l-izviluppi kif jittrapelaw minn decizjonijiet varji moghtijin mill-Qrati taghna, l-ewwel Qorti ssottolinejat li gej, ma liema fehma din il-Qorti taqbel perfettament u cioe` li

"... l-istitut tad-dezerzjoni huwa mahsub biex jippenalizza lil dak l-attur (jew appellant) li ma jkunx qieghed imexxi bil-ghaqal il-procedura mibdija minnu, izda mhux mahsub la biex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntament tal-kawzi u lanqas biex isawwat lill-attur (jew appellant, skond il-kaz) minhabba htigijiet amministrattivi tal-Qorti (ara decizjoni fl-ismijiet Azzopardi - vs – Aquilina et tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta' Novembru 1999). Issa, fil-qaghda procedurali li tapplika bhalissa, peress li citazzjoni ma tistax tigi notifikata lill-imharrek qabel ma tkun inharget b'ordni mill-Qorti, l-attur ma jistax jigi kkastigat ghaz-zmien li jkun ghadda bejn meta jkun ressaq l-Att tac-Citazzjoni u meta dan ikun inhareg b'ordni tal-Qorti u jkun iffissat il-jum ta' l-ewwel smiegh (ara decizjoni Elmo Insurance Services Ltd - vs – E. Pace et, Prim Awla, 14 ta' Lulju 2000)."

Jidher li l-gurisprudenza taghna mxiet fid-direzzjoni li l-waqt li wiehed ghandu jqis b'applikazzjoni ghaz-zmien imsemmi fl-art. 963(1) tal-Kap. 12 huwa dak iz-zmien ta' meta l-Qorti tohrog l-ordni li bih il-kawza tinghata jum ghall-ewwel smiegh u jinhareg l-avviz ta' dik id-data (ara Dr. K.F. Dingli noe - vs – Dr. R. Porsella Flores noe et, Prim' Awla, 16 ta' Frar 2001).

Ghandu jinghad li s'hawn anke l-partijiet kontendanti bejniethom qeghdin jaqblu. Fejn invece ma jaqblux gej mill-fatt li skond il-parti appellata, l-appellanti ma wrietx

ghaqal bizzejjed biex tadempixxi dak kollu li hemm rikjest minnha fil-ligi tal-procedura, filwaqt li skond l-appellanti hija mhux biss ghamlet dak kollu possibbli biex tinnotifika tempestivatment lill-konvenuti, imma fuq kollox, is-subartikolu (5) tal-artikolu 963, kif ukoll l-artikoli 964(1) sa 967 tal-Kap. 12 jipprovdu espressament dimensjoni ohra u usa dwar it-terminu ta' sitt xhur u kif ghandu jitqies ghall-fini ta' dezerzjoni. F'kazi simili ghal taghha, issostni s-socjeta` appellanti, tali kawza (skond 963(5) tal-Kap. 12) ghandha titqies bhala kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smiegh u li in segwitu, b'ordni tal-Qorti, tkun thalliet *sine die*, u f'dan il-kaz ghandhom japplikaw ghaliha d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 964 sa 967 tal-Kap. 12. Ghas-socjeta` appellanti ghalhekk dak kollu li hemm stipulat fil-ligi fir-rigward ta' kawzi li jkunu marru sine die ghandu mutatis mutandis jghodd u japplika bl-istess mod ghall-kaz tieghu. Gie rilevat ukoll li l-legislatur ghazel li ma jaghmilx distinzjoni bejn kawzi li jitqiesu li marru *sine die* ghax ma nghalqux il-proceduri bil-miktub fiz-zmien stipulat u dawk il-kawzi li jkun gew differiti *sine die* b'digriet tal-Qorti. U fejn il-legislatur ma ddistingwix, ma huwiex lecitu li tiddistingwi l-Qorti. Din il-posizzjoni giet imtennija anke qabel ma giet moghtija s-sentenza mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Fi kliem iehor, dejjem skond l-appellanti, din il-kawza messha giet ippubblikata mal-kawzi l-ohra li marru sine die, u li kellha titqies biss li marret dezerta kif hemm imnizzel fl-artiklu 965.

Din il-Qorti taqbel ma' l-appellanti f'dan ir-rigward. Infatti, f'sentenza li nghatat illum stess fl-ismijiet "Id-Direttur tal-Kuntratti v. Cleanwell Services Ltd." jinghad hekk:
"Ghalhekk l-espressjoni "ghandha titqies" fl-Artikolu 963(5)(a) ma tistax tinghata interpretazzjoni aktar wiesa' minn dik moghtija mill-legislatur. Kawza quddiem qorti ta' l-ewwel grad li l-proceduri bil-miktub ma jigux maghluqa fiz-zmien perentorju msemmi fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 963, bhala x'hiex "ghandha titqies"? Ir-risposta hija cara: ghandha titqies bhala (**i**) kawza li tkun tqeghdet fuq il-lista' ta' kawzi ghas smigh, u (**ii**) bhala kawza li tkun, b'ordni tal-Qorti, thalliet *sine die*. Sa hawnhekk biss twassal l-espressjoni *"shall…be demmed to be"*. Dak li qed tippretendi l-appellanti huwa li tali kawza "ghanda

titqies" ukoll li tqeghdet fuq il-lista msemmija fl-Artikolu 964(1). Tali interpretazzjoni, fil-fehma tal-Qorti, ma hix gustifikata. Il-legislatur kjarament ried li jkun hemm il-pubblicita` tal-lista msemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) ta' l-Artikolu 964 (bil-"pubblikazzjoni" ta' l-istess lista) qabel ma jkun hemm is-sanzjoni tad-dezerzjoni. Huwa veru li fil-prattika jista' jkun hemm certu diffikultajiet ghar-registratur sabiex isegwi l-kawzi kollha; pero` fil-verita` anqas kien obbligat li jsegwi il-kawzi, bhal dik in dizamina, bil-mod kif qed tippretendi s-socjeta` appellanti. Dak li kellu jsir f'din il-kawza kien li, jekk il-Prim Awla ma rieditx thalli l-kawza *sine die* kif appena ntebhet bit-trapass tas-sitt xhur, ghall-anqas tigbed l-attenzjoni tar-registratur ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 963(5)(a) imsemmi, u r-registratur kien ikun, f'dak il-kaz, obbligat li jimxi skond il-ligi (billi jsemmi l-kawza fil-"Lista tal-kawzi sospizi fil-Qorti…")".

Peress li f'din il-kawza, allura, ma saritx il-pubblikazzjoni mehtiega skond l-Artikolu 964(1) tal-Kap. 12, ma jistax jinghad li l-kawza marret dezerta.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara respinta l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, u tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni tas-smigh tal-kawza skond il-ligi. L-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' dana l-appell ghandhom jibqghu bla taxxa lejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------